# It-tnedija ta' *Vespri* diskors tal-għeluq

Trevor Żahra

Meta nħares lura lejn dak kollu li ktibt, dejjem nisma' f'widnejja l-kliem ta' Ernest Hemingway: "Aħna lkoll apprentisti f'sengħa li fiha ħadd ma jista' jsir mgħallem."

Dan il-kunċett żied jispjegah il-kittieb Awstraljan Richard Flanagan, li fid-diskors tiegħu meta rebaħ il-Man Booker Prize tas-sena l-oħra, kien qal: "Il-kitba hija vjaġġ ta' umiltà, meta dejjem tħossok qed tiġi megħlub minn forzi wisq akbar minnek."

F'kull biċċa xogħol li jikteb il-kittieb dejjem jipprova jispjega dak li min-natura tiegħu huwa inspjegabbli. Bħal donnu jilmaħ quddiemu dell li jkun jixtieq jaħtfu u jikxfu u jiskoprih, imma meta jiġi biex jikkonkretizzah permezz tal-kelma, jinduna li din il-kelma hija impotenti. Ma tasal qatt tagħti ġisem lil dell. U allura jipprova jinqeda bil-figuri tad-diskors… bit-tixbihat, bil-metafori u l-bqija… bit-tama li joqrob xi ftit lejn it-tir tiegħu. Iżda meta jtemm il-ktieb, u l-istess bħal pittur li jtemm inkwatru jersaq lura u jħares lejh f'distanza, iħoss sens ta' diżappunt, u jibda jgħid lilu nnifsu: "Imma jien mhux dan biss ridt ngħid. Hemm ħwejjeġ li ridt ngħidhom mod ieħor. L-idea inizjali kienet wisq isbaħ minn din!"

U dan iwasslu għat-tieni ktieb, bit-tama li did-darba jirnexxilu. Iżda l-istorja tirrepeti ruħha. Jerġa' jħossu ddiżappuntat u hekk iqatta' ħajtu kollha jiġri wara dan id-dell… wara dan it-tarf tal-qawsalla mingħajr ma qatt jasal isib il-bieqja tad-deheb.

Kull meta nkun mistieden inżur l-iskejjel, biex inkellem lit-tfal, l-għalliema jew il-ġenituri, dejjem insib lil xi ħadd jistaqsini: "L-għaliex tikteb?" L-ewwel darba li staqsewhieli kont waqaft naħseb għal ftit sekondi… għax fil-fatt mistoqsija bħal din qatt ma kont għamiltha lili nnifsi. U l-unika tweġiba li stajt insib kienet waħda sempliċi: "Għax ma nistax ma niktibx! Għax għadni nittama li xi darba forsi jirnexxili ngħid dak li *verament* nixtieq ngħid!"

Scott Fitzgerald kien qal hekk: "Huwa minnu li aħna l-kittieba ħafna drabi nirrepetu lilna nfusna. Dan jiġri għax x'aktarx f'ħajjitna jkollna minn tnejn sa tliet esperjenzi, li tant ikunu qanqluna u kagħbruna, skantawna u megħkuna mal-art, farrkuna u ppremjawna, tilfuna u salvawna… li jidhrilna li ħadd qatt ma jkun ġarrab bħalhom. Imbagħad nitgħallmu s-sengħa tal-kitba… u tajjeb jew ħażin inqattgħu l-bqija ta' ħajjitna nirrakkuntaw dawn l-erba' stejjer… imma dejjem infittxu mod ġdid kif ngħiduhom, u nibqgħu nirrepetuhom u nirrepetuhom sa ma nibqgħu nsibu lil min jismagħna."

Hawnhekk Scott Fitzgerald qed idaħħal fl-istampa lill-qarrej… lilkom. Meta l-kittieb jiddeċiedi li jxandar dak li kiteb ikun qed iċedi l-paternità tal-kitba tiegħu. Ikun qed jgħidilkom: "Hawn, issa f'idejkom. Dan ix-xogħol issa huwa tagħkom daqskemm hu tiegħi." Għax huwa u jaqra kull qarrej ikun fil-fatt qed jaqra lilu nnifsu. Ix-xogħol tal-kittieb huwa li jagħti lill-qarrej lenti jew mikroskopju, li permezz tagħhom il-qarrej jara lilu nnifsu kif qatt ma jkun rah qabel. Il-fatt li fit-tali ktieb il-qarrej isib lilu nnifsu jkun prova ċara tal-verità tal-ktieb.

Hemm kotba miktubin bl-akbar sengħa, iżda li jħalluk biered. Hemm oħrajn li jkollhom storja li ssammrek mal-paġni, iżda li hekk kif ittemm l-aħħar kapitlu, tagħlaq il-ktieb u tinsieha. Iżda mbagħad ikun hemm oħrajn li jdoqqulek korda minn ruħek, li tħoss li l-kittieb qed jgħid dak kollu li inti tant xtaqt tgħid iżda ma kontx taf kif… kotba li jkunu qed iberrħulek parti mis-sigrieti tiegħek. Għax kif jgħid il-kittieb Amerikan u editur Rob Bignell: "Il-kitba tfejjaq il-qalb aktar mill-aqwa pillola!"

Nittama li minbarra daqsxejn ta' tbissima, *VESPRI* joffrilkom mument ta' ġabra; ta' dik il-paċi ta' nżul ix-xemx qabel id-dalma tal-lejl; tat-talb sieket li jasal itaffi l-karba tal-uġigħ. Jekk dawn il-paġni jirnexxilhom idewqukom is-salmi tal-vespri, allura jiena nħoss li forsi rnexxieli naħtaf nitfa minn dak id-dell li ili kważi nofs seklu niġri warajh.

Grazzi ħafna.